# L-Isqfijiet fuq il-Gżejjer ta' San Pawl

## *Jiċċelebraw it-Tifkira tal-Miġja Tiegħu f'Malta*

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju, l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona u l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, ġew milqugħa fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, f'San Pawl il-Baħar fejn ġiet ċelebrata t-tifkira tal-miġja tal-Appostlu Missierna San Pawl fostna l-Maltin u l-Għawdxin. Din iċ-ċelebrazzjoni ġiet organizzata fit-tielet jum tal-*Ġimgħa ta' San Pawl il-Baħar* organizzata mill-*Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl*. Iċ-ċelebrazzjoni tal-lum kienet organizzata flimkien mal-*Kunsill Pastorali Parrokkjali* tal-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. L-ewwel darba li l-*Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl* organizza din iċ-ċelebrazzjoni fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, li llum saru simbolu tan-Nawfragju ta' dan il-kbir Appostlu fostna, kien fl-1982 u din baqgħet issir kull sena. Din is-sena nħass il-bżonn li l-Isqfijiet il-ġodda ta' Malta u Għawdex jingħataw merħba fuq il-Gżejjer li jġibu isem ir-Rażul, fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar, bħala s-suċċessuri ġodda ta' Missierna San Pawl. Din iċ-ċelebrazzjoni, għall-ewwel darba, kienet imxandra fuq Radio Maria.

It-tluq tal-luzzijiet bin-nies minn fuq il-menqa ta' San Pawl il-Baħar beda fl-4.30 ta' filgħaxija. L-Isqfijiet telqu bil-lanċa mill-istess post siegħa wara. Fis-sitta bidet il-Quddiesa mmexxija mill-Arċisqof Cremona li għamel ukoll omelija fejn spjega kif Alla nqeda b'San Pawl biex ġabilna l-fidi f'Ibnu Ġesù. Ikkonċelebraw ma' l-Arċisqof, l-Isqof Mario Grech u għadd ta' saċerdoti oħra. Fil-bidu tal-Quddies, P. Joseph Cilia OFMConv., Direttur tal-*Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl* għamel kelmtejn ta' merħba. Qabel il-barka ta' l-aħħar, l-Isqof Grech, xegħel il-ħuġġieġa u minnha ħa n-nar li bih xegħel ix-xema kbira li kient f'idejn l-Arċisqof. Imbagħad l-Isqof Grech mexxa lil kulħadd fl-istqarrija tal-fidi. Wara l-barka ta' l-aħħar minn Mons. Arċisqof, P. Joe Xerri OFMConv., Kappillan tal-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, għamel kelmtejn ta' ringrazzjament.

Mill-ġdid fuq il-menqa, l-Isqfijiet qagħdu jitkellmu u jsellmu lin-nies. Wara huma żaru ċ-*Ċentru Kulturali* mmexxi mill-*Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl* u ltaqgħu mal-membri tal-Kunsill tiegħu.

Din iċ-ċelebrazzjoni saret qrib il-bidu tas-Sena Pawlina mniedja mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI biex jitfakkar it-twelid tal-Appostlu San Pawl elfejn sena ilu.



*L-Isqfijiet mal-Kumitat tal-Festa fuq il-luzzu ħdejn il-Menqa, San Pawl il-Baħar.*



*L-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona u l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech jaslu fuq il-Gżejjer ta' San Pawl.*



*L-Isqfijiet iqaddsu taħt l-istatwa ta' San Pawl fuq il-gżejjer li jġibu ismu.*



*L-Isqof Mario Grech iqabbad il-ħuġġieġa.*